MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 92/2007

**Timeline Entertainement Limited (C34564)**

**Vs**

**Rosalie Darmanin**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz ipprezentat fit-2 t'April tas-sena 2007 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimata Rosalie Darmanin thallas lill-istess socjeta' rikorrenti s-somma ta' erbat elef u tlettax-il liri Maltin u tmintax-il centezmi (LM4,013.18) ekwivalenti ghal disat elef tlett mija u tmienja u erbghin ewro u dsatax-il centezmu (€9,348.19) liema flus jirraprezentaw flejjes dovuti ghal servizzi rezi mis-socjeta' rikorrenti f'riklami ta' prodotti ta' sbuhija ta'l-istess intimata, uzu ta' stand fit-Tradefair liema ammont baqa' qatt ma thallas lir-rikorrenti;

Illi di piu l-intimata tat hlas parzjali lir-rikorrenti permezz ta' cekkijiet li ma gewx onorati billi l-intimata ghamlet *stop payment* minkejja li dawna ma kienux mitlufa jew misruqa, imma kif taf ben tajjeb l-intimata kienu fil-pussess tar-rikorrenti u dan minkejja interpellazzjonijiet ghal hlas inkluz ittra ufficjali datata 12 ta' Gunju, 2006 ghal liema fatt l-intimata baqghet inadempjenti;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-12 ta' Gunju, 2006 ai terminu tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 bl-imghax dekorribbli mid-data ta'l-ewwel fattura u cioe mit-28 t'April, 2005 kontra l-intimata minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Rosalie Darmanin li saret fil-21 ta' Mejju, 2007 fejn qalet l-ewwel u qabel kollox it-talba attrici ghandha tigi michuda stante li l-ftehim kien li r-riklami in kwistjoni kellhom jidhru f'*peak time* waqt il-programm televiziv Tista' Tkun Int u ghalhekk kienu jiswew certu prezz pero dawn dehru f'hinijiet ohra mhux miftehma u ghalhekk l-istess riklami gew jiswew hafna anqas mill-prezz miftiehem.

Illi t-tieni nett mhux minnu dak allegat mis-socjeta' attrici li kien hemm cekks li nzammu mill-esponenti li gara kien li l-esponenti kienet issostitwit l-istess cekkijiet b'ohrajn li fil-fatt issarfu mis-socjeta' attrici u kienet proprju Rachel Vella ghas-socjeta' attrici li ma zammitx il-weghda taghha li tibghat lura c-cekkijiet l-ohra lill-esponenti ghalhekk l-esponenti skont l-istess intimata kellha twaqqaf ic-cekkijiet.

Finalment l-intimata eccepiet li lanqas ma huwa minnu dak allegat dwar l-uzu tal-stand tat-Tradefair li gara kien li bhala kumpens lis-socjeta attrici kienet tat lill-esponenti rokna fl-istand taghha talli kienet ghamlet zmien twil tirreklama fil-programm televiziv Tista Tkun Int hekk imtella' mis-socjeta attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ukoll l-eccezzjoni ulterjuri mressqa mill-istess intimata fit-23 ta' Novembru 2010 fejn eccepiet ulterjorment illi kwalsiasi ammont pretiz mis-socjeta attrici minghand l-esponenti dwar kiri ta stand jew parti minnha fil-fiera ta' Malta mhux dovut stante illi s-socjeta' attrici kienet vjetata li tissulloka l-istand in toto jew in parte hekk kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza.

Rat ix-xhieda li nstemghet quddiem din il-Qorti diversament ppresjeduta. Fit-13 ta' Novembru 2007, Rachel Vella, rapprezentanta tas-socjeta attrici xehdet u stqarret illi hi kienet tipproduci l-programm fuq it-televixin Tista' Tkun Int li fih kienu jaghmlu diversi riklami u fosthom riklami tal-konvenuta. Hija tistqarr illi ghas-servizz rez, il-konvenuta ghada fadlilha thallas bilanc ta' erbat elef u tlettax-il lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm4,013.18) ossia disat elef tlett mija u tmienja u erbghin ewro, dsatax-il centezmu (€9,348.19). Dan kien dovut ghal riklamar li sar fil-hames skeda tal-programm Tista' Tkun Int fis-sena 2004/2005 u l-kont ilu pendenti mis-sena 2005.

Kif jirrizulta minn fax datat 12 ta' Dicembru 2006 hemm bilanc dovut lis-socjeta' rikorrenti minn Rosalie Darmanin li kienet topera l-Principles Secrets u dan ghal hdax-il spot tar-riklam ta' sittin sekonda fix-xhur ta' April, Mejju, Gunju u Lulju 2005 kif ukoll kiri ta' stand fil-fiera Nazzjonali fil-5 ta' Lulju, 2005 liema ammont jaghmlu total ta' erbat elef u tlettax-il lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm4,013.18) kif fuq gja indikat.

Vella tistqarr illi hi kuntratt qatt m'ghamlet mal-konvenuta u kull ma kien hemm kien ftehim verbali, izda kien hemm ukoll korrispondenza bejn il-partijiet permezz ta' email u hemm ukoll invoices li juri tali ammonti dovuti. Dwar ix-xoghol moghti lil konvenuta, Vella tistqarr illi l-intimata wriet ix-xewqa li taghmel l-ispot pubblicitarju hija stess u nfatti kien hemm okkazjonijiet fejn ghamlet l-ispot pubblicitarju hi personalment. Kien hemm ukoll okkazjoni fejn l-istess konvenuta xtaqet tkun prezenti fuq l-istand tal-fiera Nazzjonali tan-Naxxar u ghalhekk kien hemm miftiehem li l-konvenuta tinghata parti mill-istand u thallas il-porzjon taghha ta' dan l-istand.

Dwar l-istands, Vella tistqarr illi lill-konvenuta tawha prezz tajjeb ghax filwaqt illi stand tad-daqs li nghatat lill-intimata kienet tinkera elf u mija u hamsin Liri Maltin (LM1,150) inkluz il-VAT kien hemm ftehim li dan jigi mikri lilha ghal tmien mija u hamsa u tmenin ewro (€885). Vella tkompli tghid illi peress illi l-konvenuta ma bdietx tlehhaq mal-pagamenti bdiet taqa' lura fil-pagamenti u tant marret lura li kien hemm anke tlett cekkijiet illi gew ipprezentati wkoll quddiem din il-Qorti fl-ammont ta' tlett mitt lira u tlett mitt lira u erba' mija u hamsin lira datati l-1 ta' Settembru, 30 ta' Settembru u 15 t'Awwissu 2005 rispettivament liema cekkijiet ilkoll ibbownsjaw.

Vella tkompli tghid illi fil-programm tas-sena 2005/2006 jigifieri wara l-programm fejn kienet ghamlet il-pubblicita' il-konvenuta, l-istess konvenuta wriet ix-xewqa li tkompli taghmel l-ispots pubblicitajri izda Vella kienet qaltilha li qabel ma jigi ssetiljat il-kont pendenti wiehed ma jkunx jista' jikkunsidra spots pubblicitarji godda.

Dwar ir-riklamar kif sar u jekk kienx hemm l-obbligu li dan isir f'*peak time* Vella tistqarr illi dan mhuwa minnu assolutament xejn peress illi skont informazzjoni minn surveys li kienu qeghdin isiru fuq il-programm Tista' Tkun Int, il-programm kollu kellu jitqies bhala *peak time* u ghalhekk ma kien hemm ebda differenza ghal hin meta ir-riklam jigi prodott. Hi difatti pprezentat ukoll dak li jghidulu *spot advert rate card* fejn gie indikat li kellhom rata wahda b'diversi ammonti fiha fosthom ghal riklam ta' sittin sekonda il-kont kellu jkun ta' tlett mija u hamsin liri Maltin (LM350).

Vella tkompli tghid illi r-riklami setghu jsiru kemm b'mod live kif ukoll b'mod rekordjat u filwaqt illi l-konvenuta qatt ma lmentat dwar il-mod u l-hin fi x'hin kien qed isir ir-riklam, kien hemm okkazjonijiet fejn l-istess Vella, li kienet tipprezenta l-programm, ghalkemm il-konvenuta kellha biss minuta riklam, kienet anke thalliha ghal zewg minuti jew tlieta u qatt ma talbet hlas ulterjuri ghal dak l-ammont. Hi stqarret ukoll li kien hemm okkazjonijiet fejn l-istess

konvenuta giet personalment taghmel ir-riklam fuq it-televixin.

Mistoqsija dwar il-kwistjoni relatata mal-istand tal-fiera u jekk din gietx moghtija bhala kumpens ghal lealta tal-konvenuta mal-programm Tista' Tkun Int, Vella cahdet tali allegazzjonijiet u qalet li qatt ma kien ikkontemplat ebda kwistjoni ta' kumpens. Dwar il-kwistjoni tat-tlett cekkijiet li allegatament ibbownsjaw u li skont l-istess konvenuta fl-eccezzjoni taghhom hi halsithom permezz ta' hlas cash u dawn qatt ma gew irritornati lilha mill-istess Rachel Vella, Vella stqarret illi l-istess konvenuta qatt m'ghaddiet xi pagament iehor permezz ta' cekk wara li dawn it-tlett cekkijiet ma gewx onorati.

Dwar il-kwistjoni pendenti il-kumpanija Timeline Entertainment Limited u Rosalie Darmanin, Vella stqarret illi Darmanin kienet titkellem ma' diversi nies li qaltilhom li hi xtaqet li tirrizolvi l-kwistjoni maghna ghax xtaqet tirriklama fil-programm Tista' Tkun Int peress illi kellha rizultati pozittivi hafna. Tant illi kienet tghidilha Darmanin lil Vella, li ma kienx hemm programm iehor illi jhalli rizultat tant tajjeb bhalma kien il-programm Tista' Tkun Int.

Fis-seduta tad-9 t'April, 2008 xehed Colin Aquilina illi stqarr illi hu kien il-Financial Controller u li jidderigi l-programm Tista' Tkun Int. Hu stqarr illi fis-sena 2004/2005 fil-programm ta' dik is-sena, il-konvenuta investiet hafna riklamar fil-programm u kien hemm ftehim fejn wara kull programm huma kellhom johorgu invoice lill-konvenuta sabiex dan jithallas. Di fatti skont Aquilina fil-bidu l-intimata bdiet thallas izda wara ftit zmien bdiet ma thallasx l-invoices minkejja li l-istatements bdew hergin regolarment.

Dwar il-kwistjoni tal-fiera Nazzjonali huwa stqarr illi s-socjeta' rikorrenti kienet qed tiggestixxi erba' stands u l-intimata wriet ix-xewqa illi jkollha parti minn stand wiehed minhabba fil-fatt illi l-istand ta' Tista' Tkun Int jattira hafna nies. Allura gie negozjat prezz illi kien ta' tmien mija u hamsa u tletin Liri Maltin (LM835) inkluz il-VAT u l-konvenuta kienet kuntenta bil-fatt illi kellha post fuq l-

istand u ma wriet ebda kontrarjeta ghal tali stand. Hu kkonferma wkoll li fl-ebda mument il-kirja tal-istand sar minghajr hlas, dana ghax l-istand innifsu kien inkera mill-Malta Tradefair Corporation ghall-ammont konsiderevoli u l-bord certament ma kienx ser japprova li jinghata lill-klijent b'xejn.

Dwar il-kwistjoni illi r-riklam ma nharigx fuq *prime time* jew le, Aquilina stqarr illi l-kuncett kollu tal-programm Tista' Tkun Int huwa wiehed ibbazat fuq sorprizi, b'mod illi ma hemmx kwistjoni ta' parti mill-programm huwa *prime time* u parti mill-programm le peress illi tul il-programm kollu huwa meqjus bhala *prime time.*

Dwar ir-relazzjoni kummercjali illi s-socjeta' attrici kellha mal-konvenuta, Aquilina stqarr illi wara li spiccat is-sena 2004/2005, il-producers, inkluz hu, kienu iltaqghu ma' diversi persuni interessati li jirreklamaw fil-programm fosthom ukoll l-istess konvenuta. Izda s-socjeta' rikorrenti kienet talbet lill-intimata illi l-ewwel thallas dak li huwa pendenti u mbaghad taghmel riklamar. Di fatti, Aquilina jistqarr illi l-istess socjeta' rikorrenti tat zewg alternattivi lill-konvenuta, jew li thallas l-ammont immedjatament jew inkella taghmel kostituzzjoni ta' debitu quddiem nutar sabiex isiru l-hlasijiet, izda l-intimata rrifjutat iz-zewg options u minflok talbet li taghmel aktar riklami u thallas wara.

Aquilina jaghmel ukoll riferenza ghac-cekkijiet u jghid illi dawn ghalkemm kienu mghoddija lilhom kienu gew *refer to drawer* diversi drabi u mbaghad f'mument minnhom il-konvenuta allegat illi c-cekk insteraq u allura hu beda jissuspetta li l-affarijiet ma kienux kif suppost u allura eventwalment ghalkemm imwieghda kemm-il darba li ha jsiru l-pagamenti ic-cekkijiet qatt ma thallsu u l-ammont kellu jsir kawza ghalih.

Dwar il-kiri tal-istand tal-fiera, Aquilina stqarr li sa fejn jaf hu ma sar ebda kuntratt bil-miktub fuq il-kiri tal-istand. Fis-seduta tal-25 ta' Gunju, 2008, kompla jixhed l-istess Colin Aquilina fejn ikkonferma illi qatt ma sar kuntratt mat-Tradefair Corporation dwar il-kiri tal-istand u dan peress

illi s-sezzjoni tas-servizzi fejn attwalment kien hemm l-istand ta' Tista' Tkun Int, kien sezzjoni illi nfetah fl-ahhar mument peress illi kien hemm vojt rizultat tal-fatt illi xi ezibituri ma marrux fuq il-post.

Aquilina stqarr ukoll illi wara ndagni illi huwa kien ghamel kien sab dokument ossia email tal-konvenuta fejn dina stqarret illi hi kienet lesta tiffirma l-kambjalijiet sabiex tkun tista' tippartecipa fil-programm tas-sena 2006. Fl-istess ittra hemm ukoll indikat illi kien hemm miftiehem illi Darmanin thallas tlett elef u hames mitt lira Maltin (LM3,500) permezz ta' kambjalijiet u thallas erba' mija u hamsin Lira Maltin (LM450) ta' kull minuta ta' riklamar. Huwa fl-ahhar jistqarr illi l-ammont pretiz huwa dak gja indikat minn Rachel Vella meta xehdet u esebiet id-dokument RV1 illi jkopri l-perjodu tat-28 t'April, 2005 sal-10 ta' Lulju, 2005.

Fis-27 ta' Jannar, 2009 xehdet Rosalie Darmanin fejn qalet illi tikkonferma li hi kienet avvicinat lis-socjeta' rikorrenti sabiex tippublika l-prodott taghha fuq il-programm u wara li kien hemm qbil dwar l-ammont dovut kien hemm ftehim li hi thallas tlett mija u hamsin Liri Maltin (LM350) minflok erba' mitt Lira Maltin (LM400). Izda wara l-istess socjeta' bdiet titlobha sitt mitt Lira Maltin (LM600) ghal kull minuta. Hi ghalhekk qaltilhom li ma setghatx tlahhaq ma' tali pagament u ghalhekk talbithom sabiex jaghmlu riklam darba kull gimghatejn izda din giet rifjutata.

Dwar il-ftehim ta' tlett mija u hamsin Lira Maltin (LM350) kull minuta, hija tghid illi l-ftehim kien illi dan ir-riklam isir waqt il-programm fid-disgha u nofs u mhux aktar tard sal-ghaxra ta' bil-lejl u din kienet tinsisti dwar dan peress li meta ppruvat taghmel riklami fil-hdax peress li dak kien irhas ma kellhix effett daqstant pozittiv fuq il-business taghha.

Dwar ir-riklamar il-konvenuta stqarret li fil-bidu r-rikorrenti bdiet izzomm kelmitha dwar il-hin tar-riklamar, izda maz-zmien ir-riklam beda hiereg ghal habta ta' xi l-hdax u kienu jaghtuha x'tifhem li dak kien ikun dovut ghall-fatt li kien ikun hemm xi storja ghaddejja u ma jkunux iridu

jitilqugha minn idejhom. Ir-rikorrenti stqarret li tali sitwazzjoni grat ukoll lil nies ohra li ghamlu r-riklamar maghhom.

Ghar-rigward tac-cekkijiet li kienu fil-pussess ta' Rachel Vella u li allegatament dawn ibbownsjaw, Darmanin tistqarr li darba minnhom iltaqghu Ta' Sliema kumbinazzjoni, stiednet lil Vella tiehu cafe u peress li Vella bdiet titlobha l-flus, jien offrejtilha li naghtiha l-flus ta' dawk it-tlett cekkijiet fi flus kontanti. Skont il-konvenuta din qalghet li la kienet ser thallasha fi flus din kienet ser tibghatilha ic-cekkijiet lura. Madanakollu dawn ic-cekkijiet ghalkemm obbligat ruhha li tibghathomla lura, Vella qatt ma baghtithomla lura. Skont Darmanin dawn ic-cekkijiet kienu ta' madwar tlett mija u hamsin Lira Maltin (LM350) kull wiehed.

Meta mument minnhom kienu qed jiddiskutu fi x'hin johrog ir-riklamar u hi kienet qed ssibha difficli li thallas ghar-riklamar, is-sinjura Vella kienet qaltilha biex tibda thallas bil-mod u offritilha wkoll li tghaddilha rokna fl-istand tat-Tradefair. Vella kienet qaltilha wkoll sabiex ma tghid lil hadd li kienet qed tikri l-post minghandha peress illi ma kentix permissibbli illi hi tikri l-post lil terzi. Hi madanakollu spiccat sorpriza hafna meta irceviet kont enormi ghall-istand tat-Tradefair meta hi kienet taht l-impressjoni li dan kien rigal ghaliex hi kienet tirriklama fil-programm televiziv.

In kontro-ezami, Darmanin stqarret li ma tiftakarx ezatt kemm damet taghmel il-programm izda ftakret illi ma kienx hemm rata wahda, izda kien hemm rati differenti. Stqarret ukoll illi hi kienet tinsisti ma' Rachel Vella sabiex jigi ffirmat kuntratt izda Vella stqarret li hi qatt ma kienet tiffirma kuntratt ma' hadd allura ma kellha ebda intenzjoni li tiffirma kuntratt ma' Darmanin ukoll. Madanakollu, minkejja illi Vella rrifjutat li taghmel kuntratt bil-miktub xorta wahda Darmanin baqghet tirriklama fil-programm u dana ghax Vella kienet twegheda li r-riklam kienet ser iggibulha fil-hin illi huma kienu ftehmu.

Stqarret ukoll illi diversi drabi marret taghmel ir-riklam hi personalment, live, filwaqt illi kien hemm okkazjonijiet fejn

Rachel Vella stess ghamlet ir-riklam. Dwar il-ftehim tar-riklamar, hi stqarret li originarjament hi riedet taghmel ir-riklam darba kull gimghatejn, izda mbaghad meta Vella tat lil Darmanin l-islott tat-Tradefair, talbitha sabiex taghmel ir-riklam kull gimgha.

Stqarret ukoll li meta spiccaw ir-riklami li hi kienet qed tilmenta minnhom u allura spicca l-programm ukoll, hi xorta wahda regghet ikkomunikat ma' Rachel Vella sabiex fil-programm li jmiss taghmel ir-riklamar tal-prodotti taghha.

Fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2009 rega' xehed Colin Aquilina din id-darba in kontro-ezami u dan stqarr illi kemm ilu jinvolvi ruhhu fl-organizzazzjoni tal-fiera li ssir in-Naxxar u issa qed issir Ta' Qali, kuntratt ma jsirx izda jkun hemm invoice **pro form.......** iffirmata minn wiehed mid-diretturi tal-kumpanija.

Dwar il-fatt illi ppartecipaw fil-fiera dak iz-zmien meta dahlu wkoll l-istand ta' Darmanin, hu qal li din kienet l-ewwel sena fejn l-importaturi tal-karozzi ma hadux sehem allura peress li kien hemm spazju godda dawn kienu offerti fl-ahhar gimghat allura kien impossibli li jsir kuntratt.

Aquilina jistqarr ukoll illi ghal dak illi implikat l-intimata fejn stqarret illi l-premji li kienet taghti hi, kienet zammithom kollha l-intimata, dan ma kien minnu xejn u nfatti esebixxa dokumentazzjoni li juri illi dawn il-premji kienu nghaddew lil min kien rebah attwalment tali premji.

Dwar il-fatt illi s-sena ta' wara meta ma hallsitx l-intimata baqghet ma ppartecipatx fil-programm, Aquilina stqarr li din ma ppartecipatx ghax ma riditx hi izda ma ppartecipatx ghax ma hallithiex is-socjeta rikorrenti, peress illi kien irrizultalhom ukoll illi l-intimata kienet gja marret ghand kumpanija ohra li taghmel programm televiziv, ghamlet riklam u mbaghad gabet l-iskuzi biex ma thallasx u marret ukoll ghand kumpanija ohra fejn ghamlet l-istess kwistjoni u ghalhekk irrizultalhom illi dak li kienet qed taghmel l-intimata kien ripetut u ppjanat.

Fis-seduta tal-24 ta' Gunju, 2009, rega' ghal darb'ohra xehed in kontro –ezami l-istess Colin Aquilina fejn rega' kkonferma illi ma kienx hemm kuntratt mat-Tradefair Corporation u li n-negozjati saru mal-general manager tal-fiera ta' dak iz-zmien ossia George Said.

Fis-seduta tal-5 t'Ottubru, 2010 xehed Joseph Mifsud li bejn is-sena 2003 u 2006 kien segretarju tal-Fairs and Exhibitions Limited kif ukoll il-President tal-Kumitat illi jmexxi l-fiera in kwistjoni. Huwa stqarr li ma kienx f'posizzjoni li jghaddi ghal kull d-dokumentazzjoni dwar il-fiera u dwar kuntratti jekk sarux mas-socjeta Timeline Entertainement Limited jew le peress illi s-socjeta' peress illi Fairs and Exhibitions Limited m'ghadhiex aktar tiffunzjona minn meta ma baqghatx topera minn Naxxar u d-dokumentazzjoni ma nzammitx u giet mitlufa. Huwa stqarr izda li l-persuna li kellu jiehu hsieb il-management u s-sullokazzjonijiet tal-istands kien f'idejn George Said.

Fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2010 tela' George Said jixhed fejn informa l-Qorti li hu qatt ma kellu x'jaqsam mal-Bord tal-Fieri ta' Malta.

Finalment fis-16 ta' Frar, 2011 xehdet Rosalie Darmanin fejn regghet ikkonfermat li Rachel Vella qatt ma riedet tiffirma kuntratt maghha minkejja illi kienet tinsisti maghha Darmanin u din bl-iskuza li qatt ma ffirmat kuntratt ma' hadd.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Frar, 2011, il-partijiet ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipprezentaw u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Mejju 2011.

Rat ukoll illi fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2011, din il-Qorti kif issa presjeduta wara li hadet konjizzjoni tal-atti kollha migbura mill-Qorti diversament presjeduta, ddifferiet il-kaz ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Timeline Entertainment Limited datata 24 ta' Frar, 2011 u s-sottomissjonijiet ta' Rosalie Darmanin datata 6 t'April, 2011.

Rat ukoll illi man-nota ta’ sottomissjonijiet datata 6 t’April, 2011, l-istess Darmanin ghalkemm kienet iddikjarat fis-seduta tas-16 ta’ Frar m’ghandhiex aktar provi x’tipprezenta, flimkien man-nota ta’ sottomissjonijiet taghha pprezentat dokument immarkat bhala RD1 illi taghmel riferenza ghalih fis-sottomissjonijiet taghha. Peress illi l-provi kienu maghluqa fis-16 ta’ Frar, 2011 u ma kien hemm ebda talba u/jew permess mill-Qorti sabiex tipproduci provi ultejruri, il-Qorti mhijiex ser taghti kaz ta’ tali dokument li jidher a fol 194 tal-process.

**Ikkunsidrat**

Il-fatti kollha tal-kaz jirrigwardaw riklamar li sar fil-programm Tista’ Tkun Int prodott mis-socjeta’ rikorrenti ghal diversi snin u fil-kaz in kwistjoni jirrigwarda servizzi ta’ riklamar moghtija lill-istess konvenuta mis-socjeta’ rikorrenti ghal perjodu li jibda mit-28 t’April, 2005 sal-10 ta’ Lulju, 2005.

Jirrizulta wkoll li apparti riklamar, is-socjeta’ rikorrenti qeghda titlob ukoll ghall-hlas ta’ kiri tat-Tradefair stand illi inghata lill-konvenuta mis-socjeta’ rikorrenti u dan versu l-pagament ta’ tmin mija u hamsa u tmenin Liri Maltin (LM885).

Jirrizulta illi ghal dak li ghandu x’jaqsam ma’ riklamar, skont l-invoice esebit bhala Dok RV1, jirrizulta li kien hemm pagament dovut ghal hdax-il riklam ta’ sittin sekonda kull wiehed li kull riklam ammonta ghal mitejn, hamsa u disghin Lira u centezmu (LM295.01) salv ghal riklam tas-7 ta’ Lulju, 2005 li sewa erba’ mija u tlettax-il Lira Maltin (LM413), kif ukoll ir-riklam indikat fl-invoice datat 28 t’April, 2005 illi fih kien jidher l-ammont dovut ta’ sittin lira u disa’ centemzi (LM60.09) liema ammont Colin Aquilina fix-xhieda tieghu jistqarr illi huwa bilanc ta’ ammont dovut peress illi l-intimata kienet gja hallset ghas-servizz rez.

Jirrizulta mix-xhieda ta’ Rachel Vella, illi meta kienu qeghdin jaghmlu n-negozjati dwar ir-riklamar fil-programm taghhom, qatt ma sar ftehim bil-miktub bejn ir-rikorrenti u

l-intimata u dan kif tistqarr kemm l-istess Vella kif ukoll Darmanin fix-xhieda taghha peress illi huma qatt ma jaghmlu kuntratti ma' min qed jaghmel riklam izda kull ma jaghmlu huwa jibghatu invoice ghall-perjodu indikat ghal hin indikat u mbaghad wara dak jintbaghat il-kont u suppost jithallas fi zmien tletin gurnata minn meta jsir is-servizz.

Jirrizulta wkoll illi skont ir-*rate card* pprezentata mill-istess Rachel Vella fiz-zmien in kwistjoni s-socjeta' rikorrenti kienet tadopera rata wahda ghal programm kollu, liema rata kien jibda minn mitt Lira (LM100) ghal hames sekondi sa' tlett mija u hamsin Lira (LM350) ghal sittin sekonda. Fil-kaz in kwistjoni jidher illi l-ammont rikjest regolrament salv kif gja indikat kien ta' mitejn u hamsa u disghin Lira u centezmu (LM295.01).

Jirrizulta mhux kontestat ukoll kemm mix-xhieda ta' Vella kif ukoll mix-xhieda ta' Aquilina u kif ukoll mix-xhieda ta' Darmanin li dawn l-adverts kollha lkoll inghataw lill-intimata mis-socjeta' rikorrenti u minn daqshekk minn naha tal-intimata ma kienx hemm kontestazzjoni. Il-kontestazzjoni principali tal-intimata ghal dak li huwa kontijiet dovuti jirrizulta l-fatt li skont hi l-adverts kellhom jigu trasmessi aktar kmieni fil-programm, izda rrizulta illi attwalment kienu qed jigu trasmetti aktar tard lejn il-hdax ta' bil-lejl u skont Darmanin dan ma kienx qieghed jirrendi daqshekk vantagg ghaliha daqs kemm kieku sar fid-disgha u nofs.

Il-Qorti madanakollu ma tistax ma tinnutax illi ghal darb'ohra ma jirrizulta ebda ftehim bil-miktub bejn il-partijiet dwar il-hinijiet u allura mkien ma jirrizulta illi kien hemm xi differenza jew xi indikazzjoni partikolari fi x'hin kellu jsir dan l-advert. In vista tal-fatt illi l-Qorti m'ghandiex fil-pussess taghha kuntratt bil-miktub, il-Qorti ser ikollha tistrieh fuq ix-xhieda kemm tal-persuni li pproducew il-programm ossia Rachel Vella u Colin Aquilina kif ukoll tal-intimata Rosalie Darmanin.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax li skont ix-xhieda tal-producers, il-programm innifsu kien wiehed ibbazat fuq

sorpriza b'mod illi l-programm kollu illi kellu jitqies bhala *prime time* minn meta jibda sa meta jispicca u allura tenut kont ta' dan il-producers, ossia Timeline Entertainment Limited ma kienet taghmel ebda distinzjoni dwar meta isir ir-riklamar.

Il-Qorti izda ma tistax ma tinnutax ukoll illi l-istess Rosalie Darmanin ghalkemm ilmentat minn meta saru l-Adverts in kwistjoni, liema adverts hi qatt ma kkontestat illi saru, fis-sena ta' wara regghet applikat jew talbet sabiex taghmel riklamar fl-istess programm, liema programm, skont Vella, Darmanin kienet tghidilha illi kien ta' gid ghaliha ghal bejgh ta' Darmanin.

Jirrizulta wkoll minn email mibghuta mill-istess Darmanin, li ma gietx ikkontestata minnha stess, li f'mument minnhom hija qablet li jkun hemm ftehim ta' tlett elef u hames mitt Liri Maltin (LM3,500), ghalkemm il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi fl-email hemm miktub Dollars iktar milli Liri Maltin, izda l-Qorti qed tasal ghall-konkluzjoni illi r-riferenzi ta' Dollars huma attwalment ghall-Liri Maltin.

Jirrizulta wkoll li l-istess intimata tipprova tasal ghal soluzzjoni mas-socjeta' rikorrenti.

Ghandu jinghad illi jirrizulta mill-provi kollha li ghalkemm l-intimata sehqet li ma kellhiex rendiment tajjeb tal-fatt illi r-riklami kienu qed johorgu aktar tard minn qabel, il-fatt illi hija xtaqet terga' taghmel riklami fil-programm li jmiss u li qalet ukoll lil terzi persuni li xtaqet tkun hemm ukoll kif ukoll ghamlet meetings mal-istess socjeta' rikorrenti bil-ghan li taghmel adverts ohra, hija lkoll indikazzjoni li l-intimata bbenifikat mir-riklami illi saru.

L-intimata wkoll taghmel riferenza ghall-fatt illi t-tlett cekkijiet illi gew ipprezentati mir-rikorrenti Vella, ilkoll gew onorati billi l-intimata hallset l-istess import ta' dak l-ammont permezz ta' flus cash.

Il-Qorti ma tistax ukoll ma tinnutax li ghalkemm it-tlett cekkijiet pprezentati lill-Qorti fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2007 kienu ta erba' mija u hamsin Lira

(LM450) u datat 15 t'Awwissu, 2005, tlett mitt lira (LM300) u datat l-1 ta' Settembru, 2005 u tlett mitt lira (LM300) datat 30 ta' Settembru, 2005. Dawn it-tlett cekkijiet twaqqfu t-tlieta li huma b'effett mit-30 ta' Dicembru, 2005 u l-istess intimata allegat illi l-import kollu ta' dawn ic-cekkijiet, jigifieri aktar minn elf lira Maltin, ossia aktar minn elfejn u erba' mitt ewro, inghaddew fi flus kontanti lir-rapprezentanta tas-socjeta' rikorrenti Rachel Vella meta din ltaqghet maghha kumbinazzjoni darba minnhom Ta' Sliema u Darmanin stednitha sabiex tmur tiehu café maghha.

Il-Qorti ssibha kemm xejn difficli temment il-verzjoni ta' Darmanin meta fix-xhieda taghha illi tat fis-27 ta' Jannar, 2009, l-istess intimata ghalkemm l-istess tlett cekkijiet kienu gja pprezentati quddiem il-Qorti ma kenitx kapaci tindika kemm kien il-valur ta' dawn it-tlett cekkijiet. Hi stqarret li kienu ta' madwar tlett mija u hamsin Lira kull wiehed izda ma ftakritx bl-ezatt.

Il-Qorti tqis li x-xhieda ta' Darmanin f'din il-kwistjoni xejn ma hija felici u xejn ma hija indikattiva u li l-verzjoni taghha tista' tigi b'xi mod korroborata minn jew xi fatti jew inkella mix-xhieda tal-istess Darmanin.

Finalment l-istess intimata teccepixxi li l-uzu tal-istand tat-tradefair kien dovut bhala kumpens mis-socjeta' attrici lilha talli hi kienet qed taghmel riklami fuq il-programm Tista' Tkun Int. Kif ukoll l-istess intimata eccepiet ulterjorment illi fl-ebda mument is-socjeta' rikorrenti ma setghat tikri l-istand lil terzi peress li kienet prekluza bil-kuntratt.

Il-Qorti filwaqt li taghmel riferenza, l-ewwel u qabel kollox ghall-ahhar eccezzjoni tirrileva li minn imkien qatt ma gie ppruvat li kien hemm kuntratt ta' kiri tal-istand bejn is-socjeta' Timeline Entertainment Limited u l-assocjazzjoni li kienet tiggestixxi l-istands tal-fieri. Ghalkemm meta xehdu r-rapprezentanti tal-istess Fairs and Exhibitions Limited, ix-xhud ma kienx f'possibilita li jipprezenta alcun tip ta' dokument illi juri li tali kuntratti peress illi dawn gew ilkoll nieqsa.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax li jinkombi fuq l-intimata li tipprovdi prova li tali obbligu kien jezisti u allura fin-nuqqas ta' tali dokumentazzjoni certament tali eccezzjoni ma tistax tissussisti.

Dwar l-eccezzjoni dwar il-kiri tal-istand u l-fatt li dan inghata lilha bhala rigal talli qed taghmel advertising, il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll li Darmanin fix-xhieda taghha indikat li l-intenzjoni taghha kienet illi taghmel riklam darba kull gimghatejn, izda mument minnhom meta Darmanin qalet lil Vella li hi ma setghatx tiflah ghall-advertising li kien isir, Vella offritilha spazju fit-Tradefair biex tghinha fl-advertising li kienet ser taghmel u bhala rizultat talli offritilha l-ispazju kienet ukoll ser taghmillha spazju ta' riklam televiziv kull gimgha.

Il-Qorti wara li semghet il-verzjonijiet ta' Rachel Vella u ta' Colin Aquilina anke fuq dawn il-kwistjonijiet, thoss illi l-verzjoni moghtija minn Darmanin hija inverosimili ghall-ahhar peress illi kif stqarru l-istess rapprezentanti tas-socjeta' rikorrenti, il-kiri ta' dan l-istand kien ta' ammont konsiderevoli. Allura huwa daqsxejn difficli li wiehed jifhem illi f'business kummercjali wiehed jaghmel rigal li sewa allegatament kwazi aktar minn disa' mitt lira Maltin biex wiehed jirringrazzja lil persuna li qed jaghmel riklami fuq il-programm u terga' skont l-istess Darmanin wara li nghata tali rigal, inghata rigal ulterjuri billi bdew isirhula l-adverts fil-programm kull gimgha milli kull gimghatejn.

Il-Qorti thoss li certament tali argumentazzjoni ma jreggix u tabbina wkoll tali konkluzjoni mal-fatt illi fl-email illi baghtet Darmanin lil Rachel Vella fl-24 t'Ottubru, 2006, hi qalet illi kienet disposta thallas tlett elef u hames mitt Lira Maltin (LM3,500) f'kontijiet.

Meta l-Qorti tqis li l-bilanc riklamat huwa ta' erbat elef u tlettax-il lira Maltin (Lm4,013) jigifieri biss hames mitt Lira (LM500) aktar minn dak li kienet qeghda toffri li thallas Darmanin fis-sena 2006 u meta wiehed jikkonsidra li l-kont tat-Tradefair stand wahdu kien ta' tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltin (LM885), il-Qorti allura tasal

ghall-konkluzjoni li dak li allegat l-intimata li l-istand kien b'xejn certament ma jirrispekkjax l-offerta li l-istess Darmanin ghamlet lill-kumpanija rikorrenti fl-24 t'Ottubru, 2006. Allura tali eccezzjoni certament ma tistax tigi kkunsidrata minn din il-Qorti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha migbura u wara li fliet fid-dettal id-dokumentazzjoni esebita mill-partijiet kollja. Filwaqt illi tichad l-erba' eccezzjonijiet imressqa mill-intimata, qeghda tilqa' t-talbiet attrici u qeghda tikkundanna lill-istess intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' disat elef tlett mija u tmienja u erbghin ewro, tnejn u ghoxrin centezmu (€9,348.22) rapprezentanti erbat elef u tlettax-il liri Maltin u tmintax-il centezmu (LM4,013.18) u dan ghal servizzi rezi mis-socjeta' rikorrenti lill-intimata f'riklamar fuq il-programm Tista' Tkun Int ghall-perjodu mit-28 t'April, 2005 sal-10 ta' Lulju, 2005 kif ukoll ghall-kiri ta' stand tal-fieri gewwa t-Tradefair grounds fis-sena 2005. Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax mit-28 t'April, 2005 sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------